



Brussell, 12 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9111/23

LIMITE

TELECOM 133
COMPET 417
MI 381
CODEC 806

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0046(COD)**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	6845/23
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex jonqos il-kost tal-introduzzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika tal-gigabits u li jħassar id-Direttiva 2014/61/UE (l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits) - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-23 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament dwar miżuri biex jonqos il-kost tal-introduzzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika tal-gigabits u li jħassar id-Direttiva 2014/61/UE (l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits)¹.
2. Il-proposta ġiet ippubblikata bħala element tal-inizjattivi tal-Konnettività mill-Kummissjoni, flimkien mal-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-Gigabits li jipprovdi gwida lill-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali dwar l-obbligi imposti fuq l-atturi tas-suq b'saħħa sinifikanti fis-suq (SMP) u l-Konsultazzjoni esploratorja mnedija dwar il-futur tas-settur tal-komunikazzjoni elettronika u l-infrastruttura tiegħu.

¹ dok. 6845/23.

3. Abbażi tal-Artikolu 114 TFUE, l-oġġettiv ewlieni tal-proposta huwa li jiġnaqqsu l-kostijiet għoljin bla bżonn tal-implimentazzjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni elettronika, parzjalment ikkawżati mill-proċeduri tal-ġhoti tal-permessi qabel l-introduzzjoni jew l-aġġornament tan-networks. Dawn il-proċeduri għadhom kumplessi, xi drabi twal, u differenti madwar l-Istati Membri. Il-proposta għandha wkoll l-għan li tħaffef l-introduzzjoni tan-networks, li tipprovdi ċertezza legali u trasparenza għall-atturi ekonomiċi kollha involuti u li tipprevedi proċessi ta' ppjanar u ta' introduzzjoni aktar effiċjenti għall-operaturi tan-networks pubbliċi tal-komunikazzjoni elettronika. Il-proposta tindirizza wkoll il-varar u l-aċċess għall-infrastruttura fiżika għol-bini. Il-proposta mistennija tiffaċilita l-applikazzjonijiet transfruntiera li jeħtieġu network b'kapacià għolja ħafna kullimkien u tippermetti lill-partijiet ikkonċernati, lill-operaturi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, lill-manifatturi tat-tagħmir jew lill-kumpaniji tal-inġinerija ċivili, jiksbu ekonomiji ta' skala aħjar.
4. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) inħatar bħala l-kumitat responsabbli għan-negożjati dwar l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits. Ir-Rapporteur huwa l-MEP Alin Mituta (Renew Europe, RO). Il-mandat tal-Parlament Ewropew huwa ppjanat għal Q4 2023.
5. Kemm il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kif ukoll il-Kumitat Ewropew tar-Regġuni ġew mitluba jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar il-proposta.

II. ĦIDMA FIL-KUNSILL

6. Fil-Kunsill, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Informazzjoni (minn hawn 'il quddiem: il-Grupp ta' Ħidma TELECOM) ingħata struzzjonijiet biex jeżamina l-proposta. Il-Grupp ta' Ħidma TELECOM beda jiddiskuti l-proposta fis-7 ta' Marzu 2023. Fis-seba' laqgħat sussegwenti li saru sat-2 ta' Mejju 2023, flimkien mal-preżentazzjoni dettaljata mill-Kummissjoni tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja u l-artikoli u l-premessi, id-delegazzjonijiet kellhom skambju bikri ta' fehmiet dwar id-dispożizzjonijiet tal-proposta.
7. Fis-sitwazzjoni attwali, il-Presidenza Żvediża talbet lill-Istati Membri jagħtu l-kummenti dettaljati tagħhom dwar il-proposta.

8. L-Istati Membri, b'mod ġenerali, laqgħu l-proposta u l-għanijiet tal-introduzzjoni ta' networks b'kapacià għolja ħafna u t-tnaqqis tal-kostijiet kif ukoll proċessi aktar armonizzati u l-indirizzar tan-nuqqasijiet tad-Direttiva attwali dwar it-Tnaqqis fl-Ispiża tal-Broadband. Id-diskussjonijiet dettaljati li saru s'issa żvelaw xi oqsma li ser jeħtieġu attenzjoni partikolari mill-Presidenza meta tħejji proposta ta' kompromess għad-Delegazzjonijiet. B'mod partikolari, dawn l-oqsma huma:

a) Approvazzjoni "taċita"

Il-proposta fiha regoli dettaljati għall-proċedura għall-ħruġ tal-permessi u d-drittijiet ta' passaġġ. Din tipprevedi li f'każ ta' dewmien mhux ġustifikat fil-proċedura għall-ħruġ tal-permessi f'isem awtorità kompetenti li ma tilħaqx l-iskadenza stabbilita, il-permess għandu jitqies li ngħata.

Diversi Stati Membri indikaw li tali sistema ta' approvazzjoni "taċita" tal-permessi tista' tkun f'kunflitt mal-arranġamenti kostituzzjonali tagħhom rigward l-awtonomija u l-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat tal-awtoritajiet lokali tagħhom u, f'xi każijiet, tista' wkoll tikser id-drittijiet ta' proprjetà ta' terzi persuni. Għaldaqstant jeħtieġ li l-Istati Membri jeżaminaw aktar il-kompatibbiltà ta' din id-dispożizzjoni mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Minħabba n-natura legali sensittiva tal-approvazzjoni "taċita", jista' jkun hemm bżonn ukoll li d-definizzjonijiet relatati jiġu elaborati fil-proposta.

b) Divulgazzjoni ta' xogħlijiet fuq infrastruttura kritika

Il-proposta tirrikjedi li l-operaturi tan-networks jagħmlu disponibbli informazzjoni dwar xogħlijiet ċivili ppjanati fuq l-infrastruttura fiżika tagħhom. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw, abbażi ta' raġunijiet debitament ġustifikati u proporzjonati, ix-xogħlijiet ċivili li jikkonċernaw l-infrastruttura nazzjonali kritika jew is-sigurtà nazzjonali, u b'hekk jiġġustifikaw għaliex dawk ix-xogħlijiet ċivili mhumiex soġġetti għal dan l-obbligu. Il-proposta tipprevedi li tali informazzjoni għandha tiġi ppubblikata tramite punt uniku tal-informazzjoni (SIP) u tiġi notifikata lill-Kummissjoni.

Xi Stati Membri jżommu lura milli jagħmlu disponibbli x-xogħlijiet fuq l-infrastruttura nazzjonali kritika jew l-installazzjoni tagħha jew milli jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawn. Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-operaturi tal-infrastruttura kritika għandhom ukoll obbligi skont id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi², u għalhekk l-interazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet fil-GIA u s-CER jeħtieġ li tiġi eżaminata aktar.

c) Forma legali tal-proposta

Il-forma legali tal-proposta li qed tissostitwixxi l-BCRD, abbandunat il-forma ta' direttiva, u minflok ħadet il-forma ta' regolament li japplika direttament, bl-għan li tiżdied l-armonizzazzjoni. Il-Kummissjoni tqis l-effett dirett bħala essenzjali mill-perspettiva tan-negozjati kummerċjali, it-tnaqqis tar-riskji tal-investment u ż-żieda fil-prevedibbiltà għall-atturi tas-suq, filwaqt li jiġi evitat dewmien bla bżonn fl-introduzzjoni tan-network.

Xi Stati Membri qajmu l-punt li l-bidla fil-forma legali tista' toħloq diffikultajiet f'pajjiżi b'sistema federali fejn id-diversi dispożizzjonijiet legali relatati mas-suġġett tal-proposta jistgħu jvarjaw minn reġjun għal ieħor. L-applikabbiltà diretta tqajjem ukoll il-kwistjoni dwar jekk tistax tiġi żgurata biżżejjed flessibbiltà għall-Istati Membri li jixtiequ jmorru lil hinn mir-rekwiżiti f'din il-proposta, fejn meħtieġ, jew jippermettu li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali partikolari tagħhom.

d) Gwidi u setgħat ta' implimentazzjoni

Il-proposta tipprevedi l-possibbiltà li l-Kummissjoni toħroġ gwida dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili u dwar l-aċċess kemm għall-infrastruttura fiżika eżistenti kif ukoll għall-infrastruttura ġol-bini. Hija tawtorizza lill-Kummissjoni, biex permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tispjefika l-kategoriji tal-introduzzjonijiet li ser ikunu eżentati mill-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi fl-Istati Membri.

² Direttiva (UE) 2022/2557, id-Direttiva CER

Xi Stati Membri ma jaqblux mal-ħtieġa ta' gwida mill-Kummissjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, jew iqisu li bħala alternattiva, gwida mill-BEREC tista' tkun aktar utli. Id-dispożizzjoni dwar setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi eżenzjonijiet mill-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi fl-Istati Membri ser teħtieġ ukoll aktar deliberazzjoni.

e) Punti uniċi tal-informazzjoni (SIPs)

Peress li diversi Stati Membri diġà għandhom soluzzjonijiet li jiffunzjonaw għall-punti ta' informazzjoni fil-livell reġjonali u nazzjonali, jeħtieġu aktar kjarifiki dwar aspetti bħal liema komponenti tal-proċedura tal-ħruġ tal-permessi għandhom jittrattaw l-SIPs, x'inhuma l-modalitajiet tal-aċċess online u min jippossjedi d-data li tiġi pprovduta permezz tal-SIP f'format elettroniku, x'inhuma l-kostijiet u l-iskeda ta' żmien li hija meħtieġa biex jiġu stabbiliti u operati dawn il-punti ta' informazzjoni mill-Istati Membri.

f) Newtralità teknoloġika

Id-dispożizzjonijiet dwar l-infrastruttura fiżika għol-bini jeħtieġu l-installazzjoni ta' wajers tal-fibra, minbarra kejbils koassjali. Xi Stati Membri jippreferu jinkluduhom ukoll, filwaqt li jevitaw referenzi esklużivi għal kejbils tal-fibra fit-test, u minflok jippreferu jużaw termini u rekwiżiti teknoloġikament newtrali bħal kwalità jew veloċità. L-approċċ newtrali jestendi wkoll biex jiġi evitat li l-iskema ta' ċertifikazzjoni u t-tikketta li tirriżulta jissemmew ukoll bħala "lesti għall-fibra".

9. Il-Presidenza Żvediża biġisiebha tkompli taħdem fuq din il-proposta matul il-mandat tagħha u ser tħejji t-trasferiment bla xkiel tagħha lill-Presidenza Spanjola li jmiss.

III. KONKLUŻJONI

Il-COREPER huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress mill-Presidenza, bil-ħsieb li jippreżentah lill-Kunsill TTE Telekomunikazzjoni fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Ġunju 2023.